# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 12 TA' FRAR, 1996
AVVIZ NUMRU 10/96 J.R.

The Performing Right Society Ltd

vs

Vella Mario

It-Tribunal wara li ra konjizzjoni tal-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil- 11 ta' Jannar, 1996 fejn intalab:

hlas ta' Royalty fl-ammont ta' Tnax il-Lira Maltija (Lm12) u VAT fl-ammont ta' Lira u tmenin centezmu (Lm1.80c) dovuti bil-quddiem ghall-Licenzja rilaxxata favur il-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Step Inn Bar, kif ukoll il-fatt li ma gietx prezentata risposta.

Wara li semgha x-xhieda ta' Dr Susanne Shaw.

u wara li ra konjizzjoni tad-dokument ezebit;
kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra li:

Jirrizulta sufficjentement pruvat li l-ammonti mitluba ghar-royalty u Taxxa fuq il-Valur mizjud, fl-ammont ta' tlettax il-lira Maltija, u tmenin centezmu (Lm13.80c) ghadhom dovuti.

Ghal dawn il-motivi jiddeciedi illi;

jilqa' t-talba attrici fis-somma ta' Tlettax il-Lira Maltija u tmenin centezmu (Lm13.80c) bl-ispejjez tal-ittra legali tal- 1 ta' Novembru, 1995 bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza relativa u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma fuq imsemmija bl-imghax sad-data tal-effettiv pagament;

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

Dr. Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur.

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.